MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1744/1998/1

**APS Bank Ltd**

**vs**

**Frank Gambin**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn il-bank attur ippremetta :-

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici tas-somma ta’ elfejn mija u hmistax-il lira u sitt centezmi (Lm2415.06) rapprezentanti somma “overdrawn” mill-kont kurrenti ta’ l-istess konvenut u imghaxijiet relattivi sas-27 ta’ Gunju 1998. (Dok A & B);

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi biex ihallas dan id-debitu izda baqa' inadempjenti;

Ghalhekk il-bank attur talab li l-konvneut jhgi ghaliex din il-Qorti m`ghandhiex:-

Tiddikjara lill-konvenut debitur tas-socjeta` attrici tas-somma ta' elfejn erba' mija u hmistax-il lira u sitt centezmi (Lm2415.06) rapprezentanti somma "overdrawn" mill-kont kurrenti ta' l-istess konvenut u imghaxijiet relattivi sas-27 ta' gunju 1998 "Dok A & B);

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma elfejn erba' mija u hmistax-il lira u sitt centezmi (Lm2415.06);

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Novembru 1997 u tal-mandati ta' sekwestru u qbid prezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni u bl-imghaxijiet ulterjuri b`effett mit-28 ta' Gunju 1998 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-bank attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dana peress illi l-eccipjenti qatt ma hareg flus aktar milli huwa kellu fil-kont kurrenti tieghu ma' l-istess socjeta` attrici;

2. Illi kienet is-socjeta` attrici illi minkejja li l-konvenut ma kellux flus depozitati fil-kont tieghu, xorta ghazlet, u dana

minkejja l-istruzzjonijiet tal-konvenut, li tohrog flus "overdrawn" mill-kont tal-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-konvenut u x-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Il-bank attur jippretendi li l-konvenut huwa debitur tieghu fis-somma ta' elfejn mija u hmistax-il lira u sitt centezmi (Lm2415.06) rapprezentanti somma "overdrawn" mill-kont kurrenti ta l-istess konvenut oltre l-imghaxijiet kollha relattivi sas-27 ta' Gunju 1998. Il-konvenut qed jirrifjuta li jhallas lura l-imsemmija somma u ghalhekk il-bank attur qed jghamel din il-kawza sabiex jigi dikjarat li l-istess konvenut huwa debitur tieghu fl-imsemmija somma u sabiex l-istess konvenut jigi kundannat ihallas l-istess somma;

Il-konvenut, da parti tieghu, qed jeccepixxi li huwa qatt ma hareg flus aktar milli huwa kellu fil-kont kurrenti tieghu in kwestjoni. Il-konvenut jeccepixxi ukoll li kien il-bank attur li, nonostante li huwa ma kellux fondi depozitati fl-istess kont kurrenti, ghazel li jhallas mill-istess kont kurrenti;

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kien hareg cekk favur in-neputi tieghu Dottor Antoine Gambin ghas-somma ta' Lm2049. Il-konvenut xehed li dan ic-cekk huwa hargu fuq struzzjonijiet ta' huh Tony Gambin li qieghed mieghu fin-negozju. Huwa xehed ukoll li kien jaf li meta hareg dan ic-cekk huwa ma kellux fondi bizzejjed fil-kont

kurrenti in kwestjoni biex ikopru l-istess cekk. Il-konvenut qal ukoll li huwa semplicement hareg l-imsemmi cheque u jekk kien hemm xi ftehim dwaru, dan il-ftehim sar bejn l-imsemmi hu l-konvenut u n-neputi taghhom. Il-konvenut jghid li hu gie infurmat li l-istess cekk ma kellux jissarraf. Il-konvenut jispicca biex jghid li huwa hareg dan ic-cekk semplicement ghaliex hekk qallu jghamel huh Tony Gambin;

In effett jirrizulta li l-bank attur sarraf l-istess cekk nonostante li ma kienx hemm fondi bizzejjed fl-istess kont kurrenti;

L-imsemmi Tony Gambin ikkonferma li n-neputi taghhom Dottor Antoine Gambin kien ikkonsenjalu zewg cekkijiet iggirati u talbu biex johrog cekk wiehed ghall-import komplessiv tal-imsemmija zewg cekkijiet u dana fuq isem il-mara tal-imsemmi neputi. In effett l-imsemmija zewg cekkijiet issarrfu;

Sussegwentement l-istess neputi rritorna c-cekk mahrug a favur tal-mara tieghu u talab lill-istess zijuh Tony biex jinhareg cekk iehor, din id-darba, a favur tieghu stess, cioe’ a favur ta’ Dottor Antoine Gambin. Tony Gambin ghalhekk ta’ iistruzzjonijiet lill huh il-konvenut biex johrog dan ic-cekk a favur tan-neputi taghhom. Tony Gambin ikkonferma li dan ic-cekk gie konsenjat lin-neputi tieghu sabiex dan tal-ahhar ikun jista jsarrfu. Wara xi ftit granet in-neputi rega talab lill Tony Gambin biex minnflok ic-cekk jghatih flus kontanti. Jidher li in effett gie konsenjat ammont fi flus kontanti lin-neputi. L-istess neputi stqarr ma Tony Gambin li huwa ma kienx ser isarraf ic-cekk u pprometta li jirritornah. In-neputi, pero’, qatt ma rritorna c-cekk. Inoltre jirrizulta li c-cheque gie presentat u ssarraf u dan nonostante li ma kienx hemm fondi bizzejjed fil-kont in kwisjtoni;

Jirrizulta inoltre li ghar-rigward tal-ewwel cekk u cioe dak mahrug favur il-mara tan-neputi kien sar “stop payment”, liema stop payment pero’ ma sarx ghar-rigward tat-tieni cekk cioe dak mahrug favur in-neputi;

Jidher li l-prattika bankarja hi li meta ma jkunx hemm fondi fil-kont relattiv hu fid-diskrezzjoni tal-Bank jekk ic-cekk jissarrafx jew le u dan, ovvjament, jiddependi minn diversi fatturi;

In effett jirrizulta li ghall-ewwel il-bank attur ma sarrafx ic-cekk in kwestjoni. Jirrizulta ukoll, pero', li finalment, dan ic-cekk issarraf u jidher li dan gara bi zball peress li l-bank attur irrefera c-cheque lill-Bank of Valletta minflok ma rreferieh lill-Lombard Bank. Minhabba f'hekk lehaq ghadda t-terminu li fih ghandu jigi "cleared" ic-cekk u cioe' kien skada z-zmien li fih suppost tibghat lura c-cheque. Konsegwentement il-kont tal-konvenut gie addebitat bis-somma in kwestjoni;

Ghandu jinghad mill-bidu nett li dawk ir-risultanzi li jirrigwardaw dak kollu li sar bejn il-konvenut, huh Tony Gambin u n-neputi taghhom Dottor Antoine Gambin, bl-ebda mod ma jista jeffettwa jew jorbot jew jghamel stat fil-konfront tal-bank attur;

Il-konvenut jghati wiehed x'jifhem li huwa gie ngannat minn neputi tieghu u li huwa b'xi mod gie zgwidat minn huh Tony Gambin. Essenzjalment, pero', dan il-kaz jirrigwarda biss ir-relazzjoni bejn il-bank attur u l-konvenut li kellu kont kurrenti mal-istess bank. Jirrizulta li l-konvenut ghazel li johrog cheque fuq l-imsemmi kont kurrenti ghall-ammont ta' Lm2049 u jirrizulta ukoll li dan ic-cheque issarraf nonostante li ma kienx hemm fondi bizzejjed fl-imsemmi kont kurrenti. Fic-cirkostanzi kollha, anke kif deskritti mill-konvenut, l-istess konvenut qatt ma missu hareg dan ic-cheque l-aktar meta huwa stess jghid li kien jaf li ma kienx hemm fondi bizzejjed fil-kont tieghu;

Inoltre ma kienx hemm ghalfejn li l-konvenut johrog cekk jekk, kif jghid huwa stess, dan ma kellux jissarraf. Il-presunzjoni hi li la darba jinhareg cekk, dan jigi presentat il-bank sabiex issarraf. Difatti Tony Gambin xehed li c-

cheque gie konsenjat lin-neputi taghhom sabiex dan ikun jista jsarrfu. Jidher ghalhekk li meta l-konvenut hareg ic-cekk l-intenzjoni tieghu kienet li dan l-istess cekk jissarraf. Il-fatt li wara li nhareg ic-cekk in-neputi Dottor Antoione Gambin seta nghata flus kontanti ma jbiddel xejn f'dik li hi r-relazzjoni bejn il-bank attur u l-konvenut. Kif sar ghar-rigward tal-ewwel cekk mahrug a favur il-mara tal-imsemmi neputi, l-konvenut seta ghamel "stop payment", pero' jidher li huwa ghazel li dan ma jghamlux;

Hu minnu li jirrizulta li c-cekk issarraf bhala konsegwenza ta' zball da parti tal-bank attur. Dan l-izball pero' ma jista qatt iwassal sabiex il-konvenut jigi esonerat mir-responsabilitajiet tieghu. Kif gia nghad il-bank ghandu diskrezzjoni jekk isarrafx cekk meta ma jkunx hemm fondi bizzejjed. Hi r-responsabilita ta minn johrog ic-cekk li jara li ic-cekk ikun kopert u jekk le jiffaccja il-konsegwenzi kollha fosthom li jghamel tajjeb ghal eventwali hlas li jkun ghamel il-bank. Dan il-fatt tal-izball pero' ser jigi konsidrat ghar-rigward tal-kap tal-ispejjez;

In vista tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti filwaqt li l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara lill-konvenut bhala debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elfejn erba' mija u hmistax-il lira u sitt centezmi (Lm2415.06) rapprezentanti somma "overdrawn" mill-kont kurrenti ta' l-istess konvenut oltre l-iomghaxxijiet relattivi sas-27 ta' Gunju 1998 u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta' elfejn erba' mija u hmistax-il lira u sitt centezmi (Lm2415.06) u dan oltre l-imghaxxijiet kollha ulterjuri sad-data tal-effettiv pagament;

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------